**Laqgha Numru 21/K6/2010**

**Introduzzjoni**

Il-Wiehed u Għoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Joe Brincat kien skuzat.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

Ghal waqt partijiet mill-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-8 ta' Novembru 2010. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 20/K6/2010.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 20/K6/2010.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Rapport Finanzjarju Lulju – Settembru 2010.**

**10. Kwotazzjoni 21/2010 – Xiri ta' fire proof deposit safe.**

**11. Mozzjoni 01/2010 – Xiri ta' Whiteboard.**

**12. Rizoluzzjoni Specjali 04/2010 – Revokazzjoni ta' default notice lill-Avukat.**

**13. Rizoluzzjoni Specjali 05/2010 – Approvazzjoni għall-hlas t'arblu tad-dawl fit-triq li taghti ghal Pembroke Athleta.**

**14. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**15. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 20/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 20/K6/2010 kifipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat astjenew minhabba li ma kienux prezenti.

1.04. Il-mozzjoni ghaddiet.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 20/K6/2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2010 items 2.16 u 2.17 u ghall-Minuti 19/K6/2010 item 10.08 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li tinkiteb ittra lill-Ambaxxata Taljana sabiex il-Kunsill juri l-ghadab tieghu ghan-nuqqas ta' koperazzjoni mal-membri tal-Kunsilliera meta talbu l-ghajnuna tal-kumpanija Alitalia, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli flimkien mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat iccekjaw din l-ittra wara l-laqgha li saret ma' l-FTZ u ntbghatet.

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2010 item 6.31 u ghall-korrispondenza numru **46/5830/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li dawn il-lampi ta' Pjazza Nazju Falzon jigu nstallata jekk jippermettu l-fondi allokati, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn ghandhom isiru wara ta' Triq Kurunell Cocks kif deciz fil-laqgha tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2010.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2010 item 6.34 u ghall-korrispondenza numru **46/5832/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li dawn il-lampi ta' Trejqet Adeodata Pisani jigu nstallata jekk jippermettu l-fondi allokati, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn ghandhom isiru wara ta' Triq Kurunell Cocks kif deciz fil-laqgha tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2010.

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2010 item 6.37 u ghall-korrispondenza numru **46/5833/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li dawn il-lampi ta' Triq il-Kurunell Cocks jigu nstallata jekk jippermettu l-fondi allokati nkluz li din it-triq ghandha tkun l-ewwel prijorita' ghall-Kunsill ghax ir-residenti ilhom hafna jistennew, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn ghandhom isiru l-ewwel kif deciz fil-laqgha tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2010 wara li naraw x'se jkun hemm fondi taht dan il-vot.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2010 item 6.40 u ghall-korrispondenza numru **46/5834/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li dawn il-lampi li hemm fil-passsagg pedonali li hemm bejn Triq Sant'Andrija u l-Ex Parade Ground ghandhom jigu nstallata jekk jippermettu l-fondi allokati kif ukoll li din it-triq ghandha tkun it-tieni prijorita' ghall-Kunsill minhabba l-fastidji li jkun hemm kif ukoll minhabba sigurta' ghan-nies, is-Sindku Joe Zammit qal li dawn huma pendenti kif approva l-Kunsill fil-laqgha tas-27 ta' Ottubru 2010 wara li jsiru l-ewwel ta' Triq Kurunell Cocks.

2.06. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2010 item 6.75 u ghall-korrispondenza numri **46/5979/10/I u 46/5980/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex ifittex ftit fir-records tal-Kunsill jew memos tal-laqghat li kienu saru fuq dan il-punt specjalment fl-ahhar laqgha mas-Sur Selvaggi biex il-Kunsill jara x'kien intalab ghall-beneficcju tar-residenti kif ukoll ippropona li tintalab laqgha ma' TM, is-Sindku Joe Zammit qal li s-Segretarju Ezekuttiv kellu jikteb lil TM 46/7076/10/O u lill-Ministeru biex issir laqgha propju biex il-Kunsill jiddiskuti t-talbiet

tieghu kif ukoll tar-residenti ghax minn mindu hareg it-tender u thabbira tal-kuntrattur il-gdid tat-trasport pubbliku hadd ma talab biex jiltaqa' mal-Kunsill. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv jinforma lill-Kunsill dwar x'instab fir-records tal-Kunsill dwar dan il-kaz.

2.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li t-talba kienet biex tinkiteb ittra lil TM u mhux lill-Ministeru ukoll. Dwar dak li nstab fil-files il-kelliem ipprezenta lill-Kunsill ittra riferenza 46/0061/08/O u Internal Memo 40/2009. **(Ara dokument A u B)**

2.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li kopja ta' l-ittra li ntbaghtet lil TM ghandha tintbaghat ukoll lill-Onor. Ministru Austin Gatt inkluz kopja tal-korrispondenza li sab is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

2.09. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2010 item 6.80 u ghall-korrispondenza numri **46/6009/10/I u 46/6153/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien qal li kien ser jitlob b'mod partikulari lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat biex jibdew il-preparamenti mehtiega vis-a-vis il-progett ta' l-EU ta' Town Twinning, is-Sindku Joe Zammit qal li b'dispjacir il-Kunsill ircieva risposta minnaha ta' Roccalumera li ma jistghux jattendu ghal din il-konferenza minhabba problemi finanzjarji minnaha taghhom.

2.10. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2010 item 6.134 u ghall-korrispondenza numru **46/6102/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li rigward it-tabelli tal-konkos il-Kunsill ghandu l-forma u ghalhekk ghandu jitlob stima ukoll lill-handyman li ghandu l-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit qal li s-Segretarju Ezekuttiv kellu jikteb lill-handyman jitolbu biex jigi l-Kunsill, ikun muri wahda u jipprezenta stima lill-Kunsill.

2.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li din l-ittra kienet saret (**46/7055/10/O)** u fil-fatt nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru, l-kuntrattur gie l-Kunsill u ghandu jibghat stima.

2.12. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2010 item 6.187 u ghall-korrispondenza numru **46/6268/10/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill jiffinanzja dan il-kors lill-librara kif ukoll li l-librara tigi nfurmata li jekk kemm il-darba titlaq qabel iz-zmien, hija tkun trid thallas ghal dan il-kors, is-Sindku Joe Zammit qal li minhabba li min kien ser jintghazel m'accettax il-pozizzjoni ta' librara, allura din ir-rikjesta tal-Kunsill ser tithassar. Il-kelliem qal l'intant wara komunikazzjoni mad-direttur waqt il-laqgha ma' l-FTZ, il-kelliem qal li kien ikkomunika ma' min kien imiss, Ms. Lara Calleja, u ntbaghtet email dwar jekk taccettax kif ukoll giet infurmata bil-kors. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-istess kundizzjoni tal-hlas lura tghodd ghal din il-persuna ukoll. Il-kelliem qal ukoll li Ms. Calleja accettat u ghandha tibda t-tahrig mad-Dipartiment fil-jiem li gejja.

2.13. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2010 item 6.203 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien issekonda l-proposta tas-Sindku u zied li ghandha xorta ssir laqgha mar-residenti koncernata vis-a-vis l-iskema tat-traffiku ta' madwar l-iskola l-primarja, is-Sindku Joe Zammit qal li s-Segretarju Ezekuttiv kien kiteb lil TM rigward it-talba tal-Kunsill riferenza 46/6724/10/O.

2.14. B'riferenza ghall-Minuti 20/K6/2010 item 6.206 u ghall-korrispondenza numru **46/6327/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jittiehdu ritratti ta' dawk it-tabelli li hemm bzonn jinbidlu, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill huwa nfurmat li s-Segretarju Ezekuttiv kien ghamel lista ta' xi 150 tabella li hemm bzonn madwar il-lokal u ghalhekk jekk hemm bzonn ritratti jista' jintuza l-haddiem tal-ETC.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 96/2010** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla ghall-Kwotazzjonijiet 15, 20, 21/2010 u Tender 03/2010 **(Ara dokument C); Internal Memo 98/2010** b'rapport tal-laqgha mal-Verdala International School **(Ara dokument D); Internal Memo 99/2010** b'rapport tal-laqgha ma' l-FTZ **(Ara dokument E); Internal Memo 100/2010** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 20/K6/2010 u 21/K6/2010 **(Ara dokument F); Internal Memo 101/2010** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 20/K6/2010 u 21/K6/2010 **(Ara dokument G);** Korrispondenza **46/7013/10/I** b'rapport tas-Sindku rigward il-laqgha li ghamel l-Onor. Chris Said **(Ara dokument H);** Flyers dwar iz-zjara ufficcjali tal-President ta' Malta u l-girja li ser issir **(Ara dokumenti I u J);** Mozzjoni 01/2010 – Xiri ta' Whiteboard **(Ara dokument K);** Rizoluzzjoni Specjali 04/2010 – Revokazzjoni ta' default notice lill-Avukat **(Ara dokument L)** u Rizoluzzjoni Specjali 05/2010 – Approvazzjoni ghall-hlas t'arblu tad-dawl fit-triq li taghti ghall-Pembroke Athleta **(Ara dokument M).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-internal memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li wara konsultazzjoni bejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kif ukoll mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, huwa kien ta struzzjonijiet lill-iskrivana Kirsty Rizzo biex tinforma lit-tabib halli jerga' jzur lis-Segretarju Ezekuttiv li kien fuq sick leave, il-Hamis ukoll, ghalkemm l-Erbgha meta rraporta sick leave kien diga zaru t-tabib.

4.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien baghat e-mail lis-Segretarju Ezekuttiv fejn infurmah li minhabba xoghol mhux ser ikukn jista' jigi milqugh permezz tat-telefon u ghalhekk talbu biex jikkonsulta mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u/jew Kunsillieri li jkunu fil-Kunsill jekk ikun hemm bzonn ta' xi direzzjoni.

4.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li s-Sibt filghodu kien il-Kunsill u flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli taw struzzjonijiet lill-iskrivana Kirsty Rizzo biex tibghat e-mail lill-mezzi kollha tax-xandir rigward il-wirja ta' l-ghasafar u dan ghax intbaghtet biss biex tidher fuq sit tad-DOI fejn jidhru l-attivitajiet. Il-kelliem qal li wara zaru l-wirja fis-sala tal-Knisja Parrokjali ta' Pembroke.

4.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Hamis 11 ta' Novembru huwa kien tkellem fuq dan is-suggett mal-Vici Sindku Alfred Maziztelli fejn qal li kellu jitkellem ma' l-organizzaturi.

4.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel stqarrija : "Jien, Alfred Mazzitelli, ID 185262(M), niddikjara li b'referenza ghall-Minuti 14/K6/2010 item 13.59 u ghall-Minuti 15/K6/2010 item 1.14, jien qieghed nirtira il-Kelma KORROT" **(Ara dokument N)**

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-28 ta' Ottubru u s-16 ta' Novembru 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/6552/10/I** 21/10/2010 **46/6950/10/I** 08/11/2010 — E-mail mill-Iskola tal-Verdala fejn informaw lill-Kunsill li l-kap il-gdid ta' l-iskola jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6552/10/I u 46/6950/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-laqgha kienet saret riferenza Internal Memo 98/2010.

**46/6556/10/I 46/6557/10/I 46/6558/10/I 46/6562/10/I** 21/10/2010 — Kwotazzjonijiet minghand C.S.D Office Trade, Golden Gate Co. Ltd., Jos Vicenti & Co. u Sidonia Enterprises Ltd. ghall-Whiteboard.

**46/6832/10/I** 04/11/2010 — Mozzjoni sabiex jinxtara Whiteboard ghall-lezzjonijiet li qed isiru fil-Kunsill sa nhar l-Erbgha 10 ta' Novembru 2010.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6556/10/I, 46/6557/10/I, 46/6558/10/I, 46/6562/10/I u 46/6832/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6578/10/I** 21/10/2010 — E-mail mill-AFM fejn b'riferenza ghall-komunikat li kellhom mas-Sindku talbu sabiex jaghmlu laqgha mal-Kunsill dwar l-attivita' ta' festa familja.

6.04. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6578/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li peress li l-Kunsill ghadu ma rieva xejn kemm ser ikunu l-finanzi ghal din l-attivita', l-AFM ghandhom jigu nfurmata li ghalissa din il-laqgha ghandha tibqa' 'on-hold'.

6.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6582/10/I** 22/10/2010 — E-mail mill-FTZ fejn talbu lill-Kunsill jimla s-survey anness dwar 'Euromed In Cultures'.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6582/10/I** is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jiehu hsieb din l-item.

6.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li dan kien diga sar.

**46/6595/10/I** 25/10/2010 — Ittra minghand One Productions Ltd. fejn informaw lill-Kunsill li nhar il-Hadd 9 ta' Jannar 2011 ser jorganizzaw charity ride b'risq SOS Animals u qed jitolbu l-permess tal-Kunsill biex bejn id-9.00am u l-10.30am juzaw l-Ex Parade Ground bhala l-meeting place.

6.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/659510/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din l-attivita'.

6.10. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6596/10/I** 25/10/2010 — Ittra mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill

datata 2 ta' Settembru 2010 fejn il-Kunsill talab sabiex Trejqet San Gorg Preca issir zona ta' klampjar, informaw lill-Kunsill li ma jsibux oggezzjoni.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6596/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jitwahhlu 4 tabelli tal-clamping, tnejn kull naha fil-bidu u t-tmiem ta' Trejqet San Gorg Preca u li t-tabelli jigu jindikaw ukoll li hemm bzonn li jkun hemm il-parking meter espost fil-karozzi.

6.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6597/10/I** 25/10/2010 Ittra minn Transport Malta fejn baghtu e-mail address f'kaz li l-Kunsill ikollu xi mistoqsijiet dwar guidelines b'riferenza ghal xoghlijiet ta' toroq.

6.15. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6597/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6626/10/I** 26/10/2010 E-mail minghand HSBC jitolbu lill-Kunsill jikkunsidra li t-tabella tal-Merhba li hemm faccata ta' l-ITS ticcaqlaq minn fejn tinstab minhabba li qed tkun vandalizzata ta' spiss.

6.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6626/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-fatt wiehed jista' jghid li din tinsab fil-passagg pedonali u ghalhekk ippropona li ahjar titwahhal mal-hajt li jdawwar il-parkegg.

6.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6630/10/I** 26/10/2010 E-mail minghand The A! Team fejn informaw lill-Kunsill bil-webiste li krejaw fejn il-Kunsill jista' japplodja l-attivtajiet li jorganizza.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6630/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li sakemm ma hemmx hlasijiet il-Kunsill juza dan is-servizz.

6.20. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6639/10/I** 27/10/2010 Fuljett minghand il-Clear Print fejn informaw lill-Kunsill bil-printing li joffru.

6.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6639/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6644/10/I** 27/10/2010 E-mail minghand is-sur Anthony Fenech fejn qed jitlob lill-Kunsill sabiex jinghata kopja tal-ktieb li hareg il-Kunsill u lest li jaghti donazzjoni.

6.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6644/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-sinjur jigi nfurmat li sakemm tohrog il-Bye Law ta' bejgh il-Kunsill jiddispjacih izda ma jistax jilqa' t-talba tieghu.

6.24. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tinghata lista tal-persuni li talbu li jixtru l-ktieb.

**46/6649/10/I** 27/10/2010 E-mail minghand il-Perit George Schembri fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar it-tarmak ta' Triq Dun A. Sisner u madwar il-culvert fi Triq Camillo Sciberras nforma lill-Kunsill li huma ma kienux responsabbli

minn Triq Camillo Sciberras u dwar Triq Dun Amabile Sisner talab sabiex il-Kunsill jinforma lill-WSC Sezzjoni Dranagg.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6649/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li tal-WSC infurmaw lill-Kunsill li ser jaghmlu xi inspection bil-camera u ppropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jivverifika jekk dan ix-xoghol sarx. Il-kelliem ippropona ukoll li l-WSC jigu mfakra fix-xoghol li kellhom jaghmlu f'San Patrizju wara tkissir ta' sigar li kienu ghamlu.

6.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.30. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jikkomunika ukoll mal-MRRA u mal-Ministru George Pullicino sabiex il-Kunsill jinghata ndikazzjoni ta' meta ser titkompla l-ahhar fazi tal-progett tal-culvert li spicca fi Triq il-Mediterran.

6.31. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6660/10/I** 27/10/2010 Cirkulari mibghuta mill-iskola Primarja lill-genituri fejn wiehed mill-punti mnizzla hemm indikat li l-iskola waslu x'ilmenti dwar nuqqas ta' ndafa li qed ikun hemm barra l-gate ta' l-iskola u fejn l-iskola se tghaddi l-ilment lill-Kunsill Lokali.

6.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6660/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien informa lill-Kap ta' l-Iskola li l-hmieg imsemmi huwa tal-klieb u mhux xi nuqqas ta' knis mill-Kuntrattur, ittra riferenza 46/6990/10/O.

**46/6667/10/I** 28/10/2010 Ittra minghand il-Malta Olympic Committee fejn informaw lill-Kunsill li ser jergghu jorganizzaw l-MOC Sports Awards f'Dicembru u staqsew jekk il-Kunsill jixtieqx jidhol fl-iskema 'MOC Local Council Sports Award', liema skema taghlaq nhar it-Tlieta 23 ta' Novembru 2010.

6.34. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6667/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jippartecipa f'din l-attivita' u talab li jissemmew l-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill matul is-sena ghall-attivitajiet sportivi. Il-kelliem talab li tigi miflija sewwa l-applikazzjoni.

6.35. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.37. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li m'hemm ebda applikazzjoni izda kull ma qed jitolbu hija l'issir ittra lill-MOC.

**46/6668/10/I** 28/10/2010 Ittra minghand l-BOV jitlob lill-Kunsill jirritorna l-Garanzija Bankarja ta' OPAL minhabba li din skadiet fid-19 ta' Ottubru 2010.

6.38. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6668/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li rigward dan ser issir laqgha ghada l-Erbgha fis-1.00pm ghall-parir ta' l-avukat u wara li nisimghu l-avukat niehdu decizjoni kif ser inkomplu fuq il-kaz.

**46/6681/10/I** 28/10/2010 Stedina lis-Sindku u lill-Vici Sindku minghand l-HSBC ghall-ftuh ufficjali tal-branch ta' l-HSBC fi Swieqi u f'din l-okkazjoni c-CEO is-sur Alan Richards ipprezenta lis-Sindku donazzjoni ghall-komunita'.

**46/6728/10/I** 29/10/2010 Cheque ta' €1,500 minghand l-HSBC fl-okkazzjoni tal-ftuh ufficjali ta' l-HSBC Premier Swieqi Branch sabiex isir embellishment fl-open space

f'San Patrizju.

6.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6681/10/I u 46/6728/10/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn il-fondi ghandhom jitpoggew ghall-vot li l-Kunsill ikun ser japprova ghax-xoghol f'San Patrizju.

6.40. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.41. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat xtaqet tkun taf jekk dawn il-fondi jistghux jintuzaw ghal xoghol fuq il-bankini.

6.42. Is-Sindku Joe Zammit wiegeb li l-HSBC specifikaw fejn ghandhom jintuzaw dawn il-flus.

6.43. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-HSBC qalu li dawn jistghu jintuzaw favur it-tfal, l-ambjent u l-wirt storiku. Il-kelliema qalet li bhalissa fil-lokal lanqas bandli m'hemm u hemm telqa' shiha.

6.44. Is-Sindku Joe Zammit qal li la jidher li m'hemmx qbil dawn il-fondi ser jitpoggew fil-fond generali u decizjoni tittiehed aktar il-quddiem.

**46/6687/10/I** 28/10/2010 Ittra minghand is-sur Raphael Naudi fejn informa lill-Kunsill bil-problema ta' dranagg li qed ikollu fil-bitha interna u fil-basement tal-garaxx kull meta taghmel ix-xita u qed jitlob li l-problema tigi solvuta darba ghal dejjem.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6687/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill kiteb lill-Awtorita' koncernata ghan-nom tas-sinjur, ittra riferenza 46/6810/10/O.

**46/6731/10/I** 29/10/2010 E-mail minghand is-sur Tony Mercieca fejn informa lill-Kunsill li minnaha taghhom jahsbu li l-kors tal-malti baziku ghandu jitkompla u fil-fatt diga sabu ghalliema li lesta taghmel il-lezzjonijiet nhar ta' Erbgha bejn il-5.00pm u t-8.00pm u talbu konferma minghand il-Kunsill.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6731/10/I** is-Sindku Joe Zammit talab il-kummenti tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat peress li hija responsabbli mill-Edukazzjoni. Il-kelliem qal li jekk hemm qbil li jsir il-kors nhar ta' Erbgha, meta jkun hemm il-laqghat tal-Kunsill, dawn jistghu isiru fil-kamra tas-Sindku.

6.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li dawn il-lezzjonijiet isiru nhar t'Erbgha fis-sala tal-Kunsill, li jerga' jsir komunikat ma' dawk li kienu nteressati li jattendu kif ukoll li jerga' jitqassam flyer fil-lokal.

6.48. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.50. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrakkomanda li kopja tal-flyer, jekk taccetta l-Kap ta' l-Iskola, ghandha tinghata lill-genituri tat-tfal ta' l-iskola Primarja sabiex forsi jkun hemm aktar konkorrenza.

6.51. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien ikkomunika mieghu s-Sur Tony Mercieca fejn infurmah li jekk ma jkunx hemm bizzejjed partecipanti, dawn ser jigu offruti li jmorru f'post iehor fil-vicinanza.

**46/6732/10/I** 29/10/2010 E-mail minghand My Party Malta fejn baghtu jinformaw lill-Kunsill bil-kumpanija taghhom u li jorganizzaw parties ghat-tfal.

6.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6732/10/I** Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona laqgha ma' dawn is-sinjuri.

6.53. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6740/10/I** 29/10/2010 E-mail minghand is-sur Andrea Stellato fejn baghat ritratti ta' l-infiltrazzjoni t'ilma li kellu fil-basement tieghu fi Triq Gabriele Henin nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2010.

6.55. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6740/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill kiteb lill-Awtorita' koncernata ghan-nom tas-sinjur, ittra riferenza 46/6810/10/O. Il-kelliem qal li fuq talba tar-resident huwa kien ser jiltaqa' mieghu sabiex jara t-talbiet li qed jaghmel.

**46/6743/10/I** 29/10/2010 E-mail minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn qed jitolbu sabiex issir laqgha mas-Sindku nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru 2010 fis-1.30pm gewwa l-Awtorita' tad-Djar dwar iz-zamma u manutenzjoni madwar il-Blokkijiet A5 - A11.

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6743/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din din il-laqgha saret illum stess. Il-kelliem qal li dan is-suggett ser ikun diskuss fuq agenda ta' xi laqgha li jmiss.

**46/6747/10/I** 29/10/2010 E-mail minghand Ms. Alisson Bliecq fejn talbet sabiex taghmel work placement mal-Kunsill bejn id-9 ta' Mejju sat-30 ta' Gunju 2011.

**46/6748/10/I** 29/10/2010 E-mail minghand il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat tirrakkomanda li l-Kunsill jaccetta t-talba ta' Ms. Bliecq.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6747/10/I u 46/6748/10/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaccetta t-talba ta' Ms. Bliecq.

6.58. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6753/10/I** 01/11/2010 Stedina lill-Kunsill minghand Dolceta ghall-konferenza 'Towards More Informed Consumers' li ser issir nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru 2010 bejn it-8.30am u s-1.00pm gewwa Oracle Conference Room fid-Dolmen Hotel il-Qawra. Ir-risposta trid tasal sa qabel il-15 ta' Novembru.

6.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6753/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6760/10/I** 01/11/2010 E-mail minghand Ms. Selena Di Bella fejn informat lill-Kunsil lli m'ghadiex tahdem mal-Kunsill ta' Roccalumera u talbet sabiex il-Kunsill jaghmel komunikat mas-Sindku Giovanni Miasi.

6.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6760/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill ircieva risposta minnaha ta' Roccalumera li ma jistghux jattendu ghal din il-konferenza minhabba problemi finanzjarji minnaha taghhom.

6.62. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jekk huwa possibbli l-Kunsill jitlob estenzjoni lill-EU sabiex dan il-progett isir fil-bidu tas-sena li gejja dejjem jekk il-Kunsill ikollu konferma minn Roccalumera li lesti li jippartecipaw fl-istess perjodu.

6.63. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6761/10/I** 01/11/2010 E-mail minghand is-sur Paul Baldacchino fejn informa lill-Kunsill li wiehed

minn Pembroke waqqaf zewg records nazzjonali fil-loghob tal-bowling.

6.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6761/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab biex il-Kunsill jiehu nota ta' dan ghal Jum Pembroke 2011.

**46/6769/10/I**
**46/6770/10/I**
01/11/2010
Kopja ta' e-mail li s-sur Lawrence Attard mill-FTZ baghat lil Ms. Desponia Karniadaki rigward il-progett MedStrategy fejn skuza ruhu tad-dewmien b'riferenza ghall-ispejjez li saru mill-Kunsill kif ukoll ghamel sottomissjoni tal-progress report tal-MedStrategy.

6.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/6769/10/I u 46/6770/10/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/6771/10/I**
01/11/2010
E-mail mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn staqsew lill-Kunsill jekk jixtieqx li ssir laqgha ma' l-ispettur J. Cilia tad-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali ghax-xahar ta' Novembru 2010.

6.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6771/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir laqgha maghhom.

6.68. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.69. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6772/10/I**
01/11/2010
E-mail mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija mis-Sezzjoni tad-Drogi qed jitolbu laqgha mal-Kunsill ghax-xahar ta' Novembru 2010.

6.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6772/10/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir laqgha maghhom.

6.71. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.72. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6774/10/I**
01/11/2010
E-mail minghand l-AKL fejn baghtu dokument li se jigi diskuss fil-laqgha plenarja li ser issir nhar is-Sibt 20 ta' Novembru.

